**Ruling tal-iSpeaker Michael Frendo għar-rigward ta' Ksur ta' Privileġġ imressaq mill-Onor. Joe Mizzi kontra r-reporter u l-cameramean tan-NET TV fir-rigward ta' ġbid ta' filmat mingħajr permess fil-precincts tal-bini tal-Parlament fit-12 ta' Jannar 2011.**

Fis-seduta numru 300 tal-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011, l-Onorevoli Joe Mizzi ressaq ksur ta' privileġġ kontra r-*reporter* u l-*cameraman* tan-NET TV fir-rigward ta' ġbid ta' filmat mingħajr permess fil-*precincts* tal-bini tal-Parlament. L-Onorevoli Mizi qal li "kif dħalt mill-Parlament 'il ġewwa, ġew isegwuni *cameraman* u *reporter* li beda jistaqsini l-mistoqsijiet. Jien għedtlu biex jitlob permess, imma dan baqa' jjiffilmja u baqa' jistaqsi….. Dan baqa' jiffilimja u jien ġbidtlu l-attenzjoni li kien qed jikser l-iStanding Orders tal-Kamra". Huwa kompla jgħid li "r-*reporter* qal li hu l-ewwel darba li għadu ġie hawnhekk u ma kienx jaf, imma l-*cameraman* baqa' għaddej jiffilmja kollox…u jġib dan id-diskors li kien għaddej u li kont qed ngħid lilu."

L-Onorevoli Mizzi sostna li "B'dan inħossni li qed jiġu mhedda d-drittijiet tiegħi ta' membru parlamentari li niġi nagħmel xogħli bla tfixkil." Għalhekk huwa rrefera għal artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113. Huwa kompla jgħid "Sur President, dan ma jistax ikun. Jien inressaq dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ għax jekk hawn min qed jaħseb li huwa aktar għoli mill-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, allura għandu bżonn jitgħallem."

Il-Viċi-Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onorevoli Tonio Borg qal li ħa gost li tqajjem dan il-punt għax forsi wasal iż-żmien li nirregolamentaw din il-ħaġa. Huwa semma' li kienu jidħlu anki *cameras* ġewwa l-Parlament, tkun ħiereġ mill-Parlament u qisu suq. Huwa fakkar li kien hemm deċiżjoni fil-House Business Committee dwar li intervisti ġewwa l-bini tal-Parlament isiru biss bil-permess ta' dak li jkun. Staqsa x'poteri hemm "barra l-bini tal-Parlament, barra l-bieb".

L-Onorevoli Tonio Borg qal li "jista' jkun li anke l-aċċess għall-Parlament irridu nirregolaw, però rridu noqogħdu attenti li ma nidhrux qisna qegħdin inżommu l-press milli jistaqsu domandi lill-membri parlamentari li għadhom ma daħlux fil-*precincts* tal-Parlament."

Huwa kompla jgħid li "Naħseb li jekk jistaqsuk domanda inti u dieħel ma nistgħux inwaqqfuhom. Jekk imbagħad joqogħdu jiffittawk b'mod li jostakolawlek il-passaġġ biex tidħol, hija kwestjoni oħra." Huwa spiċċa billi qal "Jiena lest li niddiskutu l-proċedura ta' x'jiġri anke fl-aċċess jew ftit qabel il-bieb tal-Parlament."

L-Onorevoli Joe Mizzi stqarr li "l-inċident ġara fil-*premises* tal-Parlament, ġewwa mhux barra." Huwa qal li m'għandux diffikultà li jwieġeb mistoqsijiet tal-istampa "imma li tiġi warajja u tibqa' dieħel warajja, imbagħad le!" Huwa staqsa "Għaliex għandi niġi f'sitwazzjoni fejn ma niġix fil-Parlament għax ikolli suġizzjoni li xi ħadd jiġi jiġbidli bil-camera?"

L-Onorevoli David Agius qal hekk: "Sur President, naħseb li fil-passat riċenti, kif bdejt inti fil-kariga konna għamilna proċedura dwar fejn għandha tkun il-media u naħseb li għandna

nerġgħu nirrikonsidraw dik il-pożizzjoni li kont ħadt inti u nerġgħu nattwawha.” Huwa wkoll semma’ li l-ġurnalist, li huwa kien kellmu, żgur li ma ridx ifixkel lill-Onorevoli Mizzi milli jagħmel xogħolu.

Għal dan, l-Onorevoli Mizzi wieġeb li huwa diġà kien tkellem dwar il-ġurnalist “imma l-*cameraman* baqa’ jisfida, baqa’ jirrikordja bis-*sound* u b’kollox !”

Is-Sedja tikkonstata li dan il-każ iqajjem dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. L-importanza li l-istampa u x-xandir f’pajjiż demokratiku jkollhom il-wisa’ kollha neċessarja biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom li huma kruċjali għad-demokrazija;

1. L-importanza li, f’pajjiż demokratiku, kull Membru Parlamentari jkun jista’ jiġi fil-Parlament mingħajr l-ebda xkiel ta’ kwalunkwe natura huwa u sejjer lejn il-Parlament u ġej lura mill-Parlament.

Huwa fid-dawl ta’ dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet importanti għad-demokrazija f’pajjiżna li s-Sedja qed tagħti din id-deċizjoni tagħha. Mhuwiex kumbinazzjoni li l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) tgħid ċar u tond li huwa ksur ta’ privileġġ u jikkommetti reat (Artikolu 11(4) (d)):

“kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra”.

Huwa dover tas-Sedja li hija tieħu b’serjetà kbira li tassigura, fl-applikazzjoni ta’ dan il-privileġġ, il-protezzjoni li membru elett mill-poplu għandu li ma jsib l-ebda xkiel ta’ xejn huwa u sejjer lejn il-Kamra jew ġej lura mill-Kamra. Ħadd fil-pajjiż ma għandu jkollu l-ebda awtorità li jwaqqaf jew b’xi mod ixekkel membru li jkun sejjer lejn il-Kamra jew ġej lura mill-Kamra. Din hija regola li hija intiza li tiddefendi d-dritt tal-Membru Parlamentari li jaqdi dmiru fil-Kamra u dan jitlob li huwa jkun jista’ jasal fil-Kamra biex jaqdi dak id-dmir u jmur lura f’daru meta jitlaq mill-Kamra.

Storikament f’diversi pajjiżi kien hemm inċidenti ta’ xkiel ta’ Membri li jkunu sejrin lejn il-Kamra jew ġejjin lura mill-Kamra u dawn l-inċidenti kienu fl-istorja ta’ diversi pajjiżi intiżi li ma jħallux membru parlamentari jaqdi d-dmirijiet tiegħu jew tagħha. Għalhekk żviluppat din ir-regola biex tagħti kenn lill-membru parlamentari fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu: regola li hija sagrosanta f’demokrazija fejn il-poplu, fejn kull ċittadin, għandu d-dritt li jeleġġi min jirrappreżentah fil-Parlament permezz ta’ vot ħieles mitfuħ f’elezzjoni ħielsa u demokratika. Id-difiża tad-dritt tal-membru parlamentari li ma jkollux xkiel huwa u sejjer lejn il-Kamra u huwa u ġej lura mill-Kamra hija wkoll id-difiża ta’ kull ċittadin li jagħżel jew tagħżel id-deputat jew deputata tagħha biex tirrappreżenta f’demokrazija parlamentari.

Dan il-privileġġ huwa *erga omnes* u jgħodd għal kulhadd, inkluż għal membri tal-istampa u x-xandir li s-Sedja fl-istess waqt isselmilhom bħala persuni fondamentali għad-demokrazija u għal-libertà.

Is-Sedja għamlet investigazzjonijiet preliminari li kienu faċli billi, permezz tal-Iskrivan tal-Kamra, semplicement staqsiet għal *statement* mill-membru tal-forzi armati ta’ Malta li kien hemm preżenti waqt l-att allegat mill-Onorevoli Membru. F’dan l-i*statement* l-istess membru tal-forzi armati ta’ Malta stqarr li huwa waqqaf lill-ġurnalista u l-*cameraman* fil-bieb ta’

barra biex ma jkomplux jidħlu wara l-membru parlamentari. Huwa kkonferma li l-Onorevoli Membru beda jargumenta mal-ġurnalista u mal-*cameraman* u ħassu urtat li ppruvaw jidħlu warajh u li l-*cameraman* kompla jiffilmja fuq l-istess membru minn barra.

Is-Sedja trid tagħmilha ċara li, fl-applikazzjoni tal-artikolu 11(4) (d) ma għandha ssir l-ebda distinzjoni għal dak li jiġri gewwa jew barra l-bini tal-Parlament. Il-Parlament għandu l-kontroll ta' dak li jiġri gewwa l-bini tiegħu u l-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra għamel linji ġenerali ċari dwar dan. Iżda s-Sedja trid ukoll iżżomm għajnejha, skont kif titlob il-liġi, fuq dak li jiġri anki barra mill-bini tal-Parlament basta dan ikun relatat ma' meta Membru jkun ġej lejn jew sejjer mill-Parlament. Hekk tgħid il-liġi permezz tal-Kapitolu 113. Hekk ġara per eżempju fir-*ruling* tal-Ispeaker Gonzi dwar il-każ ta' ksur ta' privileġġ li l-Onorevoli Dom Mintoff kien qajjem fis-Seduta 185 tas-17 ta' Diċembru 1988 sussegwentement aċċettat mill-iSpeaker Lawrence Gonzi bħala *prima facie* ksur ta' privileġġ fis-Seduta 219 tal-15 ta' Marzu 1989.

Qed tidħol drawwa li waqt li membru parlamentari jkun dieħel fil-Parlament ikun mdawwar minn ġurnalisti u *cameramen* li jibdew jiġbdu filmati u jistaqsu mistoqsijiet billi jdawru membru parlamentari jew inkella joqogħdu quddiem il-membru eżattament fil-linja tal-mixi tiegħu jew tagħha, waqt li l-membru jkun qiegħed miexi lejn il-Parlament jew fi triqtu lura mill-Parlament.

Filwaqt li l-libertà tal-istampa trid tkun rispettata b'mod rigoruż f'demokrazija parlamentari, ma għandu jsir xejn li jista' jiġi interpretat li l-membru qed jixxekkel milli jiġi fil-Parlament jew li lill-Membru qed tinholoqlu xi forma ta' diffikultà biex jasal il-Parlament bl-akbar serenità possibbli u mingħajr ma jkollu nies jiġru quddiemu u madwaru, mixjin ħafna darbi b'lura, jiffilmjawh u b'*microphone* mqiegħed quddiem wiċċu.

Is-Sedja trid tagħmilha ċara li hija qed titkellem biss fuq meta membru jkun ġej jew sejjer mill-Parlament u fl-ebda ċirkostanza oħra għaliex il-mansjoni tagħha skont il-ligi testendi biss għal dan.

Biex ikun mgħejjun ix-xogħol tal-ġurnalisti, għandu jkun hemm fil-bieb tal-Parlament, u s-Sedja qed tagħti ordni lill-Iskrivan tal-Kamra biex tara li dan isir, kurdun li warajh joqogħdu l-membri tal-istampa u x-xandir u minn warajh jistgħu jitolbu kwalunkwe kumment u kwalunkwe filmat biex jaqdu d-doveri tagħhom. Dan biex il-Parlament jiffaċilita u jkun jista' joffri mezz effikaċi għal ħidma tal-istampa u x-xandir sabiex jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet u doveri tagħhom filwaqt li jiġi fl-istess ħin salvagwardat dak li tgħid il-liġi f'artikolu (11)(4)(d) tal-Ordinanza bi protezzjoni tad-doveri tal-membri parlamentari li primarjament fosthom huwa li jattendu u jipparteċipaw fil-ħidma fil-Parlament.

Għaldaqstant, is-Sejda ssib li fil-każ odjern hemm biżżejjed elementi li jindikaw li hemm*prima facie* ksur ta' privileġġ skont Kapitolu 113 fil-konfront tal-Onorevoli Joe Mizzi. Fi kliem Artikolu 11(1) tal-istess Ordinanza dan "ma għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza." Għalhekk, filwaqt li s-Sedja tirreferi din il-materja lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi tappella biex, anki f'dan l-istadju, il-partijiet jistħarrġu mezzi li bihom bonarjament ikunu jistgħu jsibu rimedju għal dan il-ksur.